MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2007

Numru 414/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**George Sacco**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha George Sacco ta’ 57 sena, iben Anthony u Rita nee’ Borg, imwieled Rabat Ghawdex nhar it-08.04.1949 u li joqghod fil-fond ‘Porine’, Triq id-Dejma, Fgura, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 35049(G) gie akkuzat talli:

F'Hal-Kirkop, matul is-sena 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

F'diversi okkazjonijiet, irrenda ruhu komplici ma persuni ohra f'diversi serqiet ta' materjal tar-ram u metal iehor mill-fabrika ST Microelectronics li hija sitwat gewwa Hal-Kirkop liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal-mijiet ta' Liri Maltin u bil-persuna, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-imsemmijja fabrika ST Microelectronics u persuni ohra.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li ghen lill-Pulizija fl-indagini taghha ghall-fini li l-Pulizija tirrintracca persuni ohra nvoluti f'dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 42, 43, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat George Sacco, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li ghen lill-Pulizija fl-indagini taghha ghall-fini li l-Pulizija tirrintracca persuni ohra nvoluti f'dan il-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat George Sacco ghall-piena ta' erbatax (14) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat George Sacco jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat George Sacco l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------